Għax aħna rridu nagħtuk qalbna... ħudha,
Biex infarrġuk min-niket ta' daż-żmien...
Biex naraw fik, flok dmugħ, għajnejn imdawla,
U qalb imdawra bil-ward et tal-ġnien!

Madonna tagħna, ħares lejna, żommna
Man-niket tiegħek ġewwa qalbek, sħaħ.
Ħallina ngħixu fik u bik, Omm tagħna,
Biex f'imħabbitna lejk ma nkunux xħaħ.

Mhijiex, Madonna, imħabba ta' bejnietna,
Jekk lilek ma nħobbukx tassew bil-ġenn.
Int Ommna dejjem! Ħalli qlubna f'waħda
Issib ġo fik l-imħabba, s-sliem u l-kenn.

U meta twarrad imħabbitna f'warda...
F'wardiet..., hu Inti dal-wardiet ukoll!
Irridu ngħixu fik b'uliedna magħna
Biex tisboq imħabbitna l-ward tal-qroll.

Hekk... hekk, Madonna, irrid narak, ferħana...
Bija u b'imħabbti marbutin fl-mkien!
Berikha Int ir-rabta ta' mħabbitna
Biex tibqa' sħiħa tiegħek ma' kull żmien.

---

## MULTUM IN PARVO

Il-bniedem iqis għemilu, iżda Alla jiżinlu fehmtu.

*Thomas à Kempis.*

La taħsibx wisq iżjed fuq dak li m'għandekx milli fuq dak li għandek; iżda minn dawk il-ħwejjeġ li għandek agħżel l-aħjar, u imbagħad oqgħod aħseb kemm kont tixtieqhom li kieku ma kinux għandek.

*Marcus Aurelius.*



## X'JIŞWEW?

Ta' John Sciberras

X'tiswa l-mużka li fl-għaxija jinsġu l-kwiekeb mat-tpetpit
jekk ma tista' qatt tinstema' minn did-dinja mqar għal ftit?

X'tiswa l-għanja ta' tnehida li r-riħ jonfoħ mas-siġriet
jekk in-nies titbażża' minnha flok ma ttiha t-tifsiriet?

X'tiswa n-nisġa li taf taħdem f'lejl imqammar Filomel
jekk, għas-serħ u l-kenn tas-sodda, dik il-ħlewwa n-nies tistmell?

U x'qatt jista' jiswa għalija li jien ngħanni bla waqfien
meta fija jbaqbqu l-versi la ħadd ma jrid jaf min jien?

## EPIGRAMMI

Ta' John Sciberras

**IL-KBURIJA TAL-PAGUN**

Kważi b'mistħija ngħid li matul ħajti
ma kont rajt qatt kburija ta' pagun,
iżda malli rajt lilek
sirt naf malajr kif tkun.

**IL-KOR**

Min jisboq lil dal-kor għall-armonija
ħlief qabda qtates igħannu fil-għaxija?

**MIN JARRA MOĦĦU......**

Wara sagħtejn tpittir quddiem il-mera
ħarġet ħamra mid-dar bħal sardinella,
'mma ħalba xita li għal għarrieda niżlet
żellġet u kerrhet kemm kuluri kellha.

**LIL WIEĦED LI QED JITGĦALLEM ISUQ IL-KARROZZA**

Met'int tieħu l-liċenzja
għarrafni bla dewmien
biex dan ix-xogħol li għandi
nibdlu ma' tad-deffien.